MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2014

Talba Numru. 274/2012

**Carmelo Baldacchino**
**ID. 636950M**

**Vs**

**Tarcisio Cassar**
**ID. 775055M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Marzu, 2012 fejn l-attur talab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' elf hames mija u sebgha u hamsin ewro u tnax-il centezmu (€1,557.12) rapprezentanti Danni sofferti mill-attur li ghalihom hu unikament responsabbli l-konvenut stante li b'kuntratt tas-27 ta' Jannar, 2000 il-konvenut biegh lil attur Flat 6 Oceana Flats, Triq is-Sellun, Ras il-Qawra, Qawra, San Pawl il-Bahar bhala liberu u frank mentri irrizulta li kien soggett ghal cens perpetwu rivendibbli dovut lil Joint Office. Peress illi l-konvenut irrifjuta li

jifdieh, kellu jifdieh l-attur bi spiza ta’ elf mija u sebgha u hamsin ewro u tnax –il centezmu (€1,557.12) kif ser jigi ppruvat.

Bl-imghax legali mill-31 ta’ Jannar, 2012 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali interpellattorja tad-29 ta’ Settembru, 2011, 13 ta’ Ottubru, 2011, 20 ta’ Ottubru, 2011 u 31 ta’ Jannar, 2012.

Illi l-konvenut wara li gie debitament notifikat ipprezenta risposta tieghu fis-26 ta’ April, 2012 fejn eccepixxa illi preliminarjament l-inkompetenza rationae materiae ta’ dan it-Tribunal inkwantu dak li qed jitlob ir-rikorrenti jipprezumi essenzjalment stahhrig ta’ kuntratt pubbliku ta’ kompra-vendita ta’ immobli haga li kjarament tezorbita l-kompetenza ta’ dana t-Tribunal.

Illi preliminarjament ukoll l-inkompetenza rationae materiae ta’ dana t-Tribunal in kwantu il-bazi tat-talba attrici, hija allegazzjoni li l-intimat iser il-garanzija moghtija fuq l-istess kuntratt.

Illi minghajr prejudizzju ghas-suespost, ghandhom jigu kjamati fil-kawza, anki biex iwiegbu ghall-pretenzjonijiet tal-attur, l-awturi fit-titolu tal-esponenti u senjatament Angar Company Limited (C 5707) u Joseph Zahra (ID 545075M).

Illi in ogni kaz ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-pretenzjonijiet attrici huma esagerati.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

It-Tribunal cahad l-eccezzjoni preliminary dwar l-inkompetenza u ordna l-prosegwiment tal-kawza.

Illi fis-seduta tat-18 ta’ Novembru, 2013 il-konvenut talab illi tissejjah bhala kjamata in kawza is-socjeta’ Angar Company Limited u Joseph Zahra. It-Tribunal laqgha t-talba ghall-kjamati in kawza.

Illi l-attur sussegwentament ipprezenta rikors fejn intalbet decizjoni sabiex dwar jekk it-Tribunal jilqax it-talba ghal kjamat in kawza jew jichad din it-talba.

It-Tribunal wara li ra t-talba u r-risposta ghat-talba tal-kjamat in kawza jiddecidi preliminarjament illi jilqa’ it-talba tal-konvenut ghal kjamat in kawza u jordna l-prosegwiment tal-kawza billi jigu notifikati il-kjamat in kawza.

L-ispejjez jigu decizi fis-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------